MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 458/2000/1

**Felix Schembri.**

**vs.**

**Theresa sive Tessa Schembri nee Pisani.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-22 ta' Ottubru 1977 f'Fatima Sanctuary, Guardamangia, gie celebrat iz-zwieg bejn l-attur u l-konvenuta;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg subien, Dirk u Steve;

Illi l-kunsens tal-parijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet essenzjali taghha;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 t’Ottubru 1977 huwa null u bla effett fil-ligi;

Illi ghalhekk l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 t’Ottubru 1977 huwa null u bla effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni f’dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda minnha prezentati a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tal-31 t’Ottubru 2000, tal-14 ta’ Frar 2001 u tat-2 ta’ Novembru 2001.

Rat l-Avviz ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 22 ta’ Frar 2002, fejn b’ordni tal-Qorti l-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghall-21 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbal datat 21 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenuta.

Rat ir-rikors ta’ Felix Schembri datat 10 ta’ Gunju 2002 fejn talab lil dina l-Qorti sabiex joghgobha tawtorizzah biex jipprocedi bin-notifika tal-konvenuta permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-gvern u gazzetta wahda lokali ta’ kuljum *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap.12.**

Rat id-digriet tal-11 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghat it-talba u ordnat tali notifika *ai termini* tal-**Artikolu 187(3) tal-Kap. 12** f'gazzetta lokali wahda.

Rat in-nota tal-attur datata 28 ta' Awwissu 2002 li permezz taghha l-attur esebixxa kopja ta' gazzetta lokali tas-27 ta' Awwissu *ai termini* ta' l-**artikolu 187 (3) tal-Kap.12;** rat ukoll li saret in-notifka bl-affissjoni u fil-gazzetta tal-gvern.

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attur b'terminu ta' 50 jum u dak tal-5 ta' Frar 2003 fejn il-kawza giet differtia ghall-konkluzzjoni tal-provi u finali trattazzjoni ghas-7 ta' Mejju 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 13 ta' Marzu 2003 li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### i. <u>Il-Provi</u>

Illi fl-affidavit tieghu l-**attur** jghid:

*"Illi jiena u Tessa iltqajna f'Ottubru 1970 meta t-tnejn l'ahna konna studenti fil-Polytechnic (MCAST);*

*Illi, izzewwigna fi 22 t' Ottubru 1977 fil-knisja ta' Fatima Guardamangia;*

*Illi, minn din ir-rabta kellna zewg subien Steve (li twieled fl' 20 ta' Frar 1979) u Dirk (li twieled fi 28 ta' Marzu 1985);*

*Illi Tessa telqet mid-dar f'Awwissu 1987;*

*Illi minn dak inhar illi telqet Tessa sal-gurnata tal-llum qatt ma kien hemm l'ebda attentat la minn naha tieghi u lanqas minn naha ta' Tessa ghal xi forma ta' rikonciljazzjoni. L'animozita' ta' bejnietna baqghet dejjem l'istess u d-differenzi u l-piki komplew dejjem jikbru;*

*Illi, infatti fis-sittax il-sena li ilna separati u sal-gurnata tal-llum, ma baqghet tezisti l'ebda forma ta' relazzjoni bejni u bejn Tessa u la nitkellmu u l'anqas biss inselmu, jew nirrikonoxxu lil xulxin, meta gieli ltqajna x'imkien b'koncidenza;*

*Illi, iffermajna Separazzjoni Bonarja fi 12 ta' April 1991;*

*Illi, f'1993 jiena ltqajt ma' Claudia Heitmann (Germaniza mwielda f'6 ta' Marzu 1965) u fl'1994 bdejna nghixu flimkien b'weghda bejnietna bhal mizzewgin;*

*Illi, minn din l-ghaqda kellna tifel, Tim, li twieled fl-14 ta' Gunju 1997;*

*Illi, jien, Claudia, Tim u Steve (u Dirk meta jigi) ghadna nghixu bhala familja sal-gurnata presenti tal-lum;*

*Illi, meta ltqajt ma' Tessa f'Ottubru 1970, jien kelli 17-il sena u hi kienet sentejn ikbar minni u cioe' 19-il sena u t-tnejn l'ahna konna studenti fil-Polytechnic (MCAST). Hi kienet ghada kif rebhet il-kuntest ta' "Miss Star of Malta" u jien kont wiehed mill-ahjar players tal-basketball f'Malta u kont nilghab kemm mat-team tal-MCAST fl-ewwel divizjoni u anke kont ghadni kif dhalt fit-team nazzjonali tal-kbar;*

*Illi, l'attrazzjoni fizika tieghi lejn Tessa kienet immedjata u b'sahhita hafna. Bejnietna mill-ewwel zvolgiet hbieberija kbira li anke zviluppat f'relazzjoni intima, specjalment fuq livell fiziku u sesswali. Izda r-relazzjoni kienet ukoll turbolenti hafna mhabba l-fatt li kollna zewg karattri b'sahhithom hafna u ma konniex incedu xejn lill-xulxin. It-tnejn konna tip li rridu nkunu liberi u fl-istess hin irridu nzommu lill-xulxin. Anke ma' shabna konna maghrufin bhala l-koppja li dejjem nargumentaw, u meta zzewwigna r-reazzjoni ta' kulhadd kienet: "issa, forsi fl-ahhar*

*jissetiljaw…!" Ghalhekk konna nillitigaw ta' spiss u konna naghmlu perjodi twal fejn konna nwaqqfu r-relazzjoni taghna kompletament. Infatti kellna glieda ta' perjodu twil hafna propju ftit xhur qabel izzewwigna ghaliex, specjalment min-naha ta' Tessa kien hemm dubji kbar jekk konniex vera lesti li nidhlu ghar-rabta daqshekk serja bhal ma' huwa z-zwieg;*

*Illi, f'dawn il-perjodi ta' glied bejnietna dejjem kien ikolli relazzjonijiet, anka sesswali, ma tfajliet ohra u l'istess Tessa. Dawn it-tip ta' relazzjonijiet xejn ma kienu jghinu r-relazzjoni ta' bejni u bejn Tessa ghax kienu jkomplu jikkomplikaw l-affarijiet ta' bejnietna hafna meta konna nergaw flimkien. Wara kienu anke jqajmu hafna ghirja u izjed piki, specjalment meta kienet tkun xi tfajla li nibqaw nafugha wara ghax tkun imdahhla fic-cirku ta' hbieb taghna;*

*Illi, matul ir-relazzjoni taghna, Tessa kienet dejjem turi hafna izjed dubbji minni dwar is-serjeta' tar-relazzjoni taghna u forsi kont jien li kelli dejjem izjed gibda lejha, specjalment fizika. Hi kienet issostni illi tarani ghadni mohh ir-rih u minhix vera lest nintrabat maghha bhala marti bir-responsabilitajiet li jirrikjedi z-zwieg. Fil-fatt kont dejjem inhoss illi Tessa ma kinitx vera thobbni b'dak il-mod li huwa importanti li mara trid tkun thobb lil zewgha sabiex jirnexxi z-zwieg u kienet tghidli li ghalkemm thobbni, pero' ma kontx ir-ragel veru ideali li tixtieq tqatta hajjitha mieghu;*

*Illi min-naha tieghi, ghalkemm nammetti li dak iz-zmien kelli kwazi ossesjoni sesswali fuqha, izda izjed minn kollox kont inhossni wkoll nithassara minhabba s-sitwazzjoni ddisprata li kellha fil-familja taghha u kont inhosni rrid nghinha ghaliex kont narha migugha hafna bic-cirkostanzi familjari taghha. Fil-fatt kien jimpurtani hafna minn Tessa u kont inhossni nhobbha b'mod illi kont lest naghmel minn kollox biex nghinha, ghaliex kont naf illi fil-fatt jien kont probabbli l'uniku bniedem illi jista' jghinha;*

*Illi, Tessa kienet gejja minn familja b'inkwiet matrimonjali kbir u ikrah bejn il-genituri taghha. Il-genituri taghha kienu*

*separati u ma jitkellmhux, izda kienu jghixu fl-istess dar b'bieb komuni wiehed; missierha kien jghix fuq u ommha isfel. Tessa, ohtha u l'hames huta subien, kollha kienu la jitkellmu u l'anqas jirrikonxxu lil missierhom u jien kelli problema kbira nifhem u naccetta dan il-fatt. Fil-fatt jien qatt ma sirt naf lill-missierha sa meta izzewwigna u nfatti missierha ma kienx mistieden ghat-tieg taghna u kien huwa l-kbir li tellaghha fuq l'artal dak inhar tat-tieg. Zewg hutha kienu telqu mid-dar ta' eta' zghira u emigraw biex jaharbu mill-inkwiet tad-dar. Tnejn ohra bdew jahdmu kmieni hafna u fittxew izzewgu, biex l'istess helsu mill-inkwiet ta' ommhom u missierhom. Oht u hu Tessa z-zghir gieli kien ikollhom inkwiet ikrah ma' missierhom u huma anke gieli gew fl-idejn ma' missierhom b'konsegwenzi koroh hafna;*

*Illi, din is-sitwazzjoni fid-dar kienet tpoggi tensjoni u pressjoni kbira fuq il-hajja ta' Tessa. Kienet anke tpoggi tensjoni kbira, bejnietna, izda fl'istess hin kienet din il-problema li tant taghqadna. Imhabba dawn ic-cirkostanzi, r-relazzjoni ta' bejnietna kienet importanti hafna ghal Tessa ghax kienet thossha li fija ghall-anqas kellha habib intimu. Tessa kienet hafna izjed sensittiva minn ohtha u hutha fuq din l-affari u kienet iddisprata biex titlaq mid-dar tal-genituri. L-anqas ir-relazzjoni tieghi m'omm Tessa qatt ma kienet tajba sa mill-bidu nett. Mhux zgur nista' niftakar xi mument ta' intimezza li wiehed is-soltu jkollu mall-kunjata. Tessa dejjem kienet tghidli li ommha xejn ma kienet kuntenta bir-relazzjoni ta' Tessa mieghi. Nammetti wkoll illi lanqas jien min-naha tieghi ma kont tant vicin ta' ommha. Dejjem hassejtni distakkat hafna anke minn ma' huta kollha, specjalment minn ma' ohtha. Fil-fatt qatt ma hassejtni milqugh fil-familja;*

*Illi llum nemmen illi Tessa kienet tara z-zwieg mieghi bhala l'opportunita' perfetta biex tehles minn din is-sitwazzjoni u nahseb illi anke jiena kont nixtieq naqlaghha l'barra minn din is-sitwazzjoni billi nizzewgu. Fil-fatt kien jimpurtanti hafna minn Tessa u kont inhossni nhobbha u li naghmel minn kollox biex nghinha. Illum onestament nemmen illi Tessa iktar izzewgitni biex tehles mill-problemi familjari li kienet fihom, milli ghax kienet vera*

*thobbni. U nemmen illi anke min-naha tieghi, din il-kundizzjoni influenzatli d-decizjoni tieghi li nizzewwigha, hafna aktar mill-imhabba tieghi lejha. Nemmen li dan ma sarx b' xi malizzja mill-ebda naha, izda semplicement il-fatt kien illi konna ilna hbieb kbar ghal snin twal, kellna relazzjoni sesswali tajba hafna u fic-cirkostanzi hadna d-decizjoni li minghalina kienet l-ahjar wahda. Fil-fatt hallasna qares hafna ghall-izball taghna u swiena hafna, hafna aghar. Minflok ghenna lill-xulxin, spiccajna kissirna lill-xulxin. Ghall-inqas l-unika haga sabiha li harget kienu z-zewg subien li kellna flimkien;*

*Illi, ir-relazzjonijiet li gieli kelli (anke sesswali) ma tfaljiet ohra waqt li konna nkunu miggildin, xejn ma kienu jghinu r-relazzjoni ta' bejni u bejn Tessa wara li nergaw flimkien. Jien kont nghir hafna ghar-relazzjonijiet li kellha hi u dawn kienu jzidu hafna mal-konfuzjoni ta' bejnietna. L'aktar kaz klassiku kien ta' Roselle, tfalja li kienet ilha habiba tieghi u ta' Tessa u li kelli relazzjoni sesswali twila maghha propju fl-ahhar glieda kbira li kellna jiena u Tessa ftit xhur qabel izzewwigna. Din it-tfalja spiccat izzewget lill-wiehed mill-akbar hbieb taghna u ghalhekk wara li zewwigna din baqghet involuta hafna fic-cirku ta' hajjitna;*

*Illi, pero' kienet ir-relazzjoni twila li kelli ma' tfajla atleta Olandiza jisimha Franka Stas, li l-izjed verament kellha influenza fuq ir-relazzjoni ta' bejni u bejn Tessa. Kont iltqajt ma' Franka fis-sajf ta' 1970 meta kont imsiefer Spanja mat-team nazzjonali tal-basketball. Hemmhekk bdejna relazzjoni ntima u sesswali b'sahhita hafna. Zammejna korrispondenza bejnietna regolari u fis-sajf ta' wara, jigifieri 1971, mort basketball tournament ta' tliet gimghat gewwa l'Olanda mat-team tal'MCAST. Hemmhekk komplejt sahhaht ir-relazzjoni tieghi ma' Franka hafna u fil-verita' konna sirna ninhabbu u bqajna nikkorrispondu regolari. Meta darba kont miggieled ghal perjodu twil ma' Tessa fis-sajf ta' 1974, Franka kienet giet Malta ghal tliet gimghat li qattajnihom flimkien u wara qbajna dejjem nikkorrispondu. Ghall-bidu lil Tessa kont ghedtilha bir-relazzjoni tieghi ma' Franka, izda meta bdejna nitkellmu fuq zwieg hi kienet minghalija li konna qtajna. Meta izzewwigna jiena u Tessa kont qieghed*

*nahdem bhala Financial Controller mal-Medserv u kien ikolli bzonn insiefer ta' spiss. Ftit wara 'l izzewwigna kelli bzonn immur l'Olanda fuq xoghol u hemmhekk ergajt ltqajt ma' Franka u r-relazzjoni issa saret verament intima. Ftit ta' gimghat wara kelli bzonn nerga mmur 'l Olanda fuq xoghol u komplejt ir-relazzjoni tieghi ma' Franka. Hawnhekk Tessa kienet harget tqila bi Steve u kont nhossni konfuz hafna u bdejt niddispra. Ghalhekk wara li diskutejt il-problema fit-tul mal-akbar habib tieghi, iddecidejt li naqta r-relazzjoni tieghi ma' Franka hasrem ghalkemm baqghet dejjem fi hsibiet tieghi. Fil-fatt Franka kienet kompliet tiktibli fl'indirizz ghand ommi, ghax dak biss kienet taf. Izda ommi kienet irrabjata hafna ghalija u qatt ma qaltli b'dawn l'ittri u fil-fatt, wara li ddiskutiet 'l affari ma' zewg huti bniet ikbar minni, Miriam u Gudith u r-ragel taghha l-avukat Antoine Fiott, iddecidiet li tqattahhom u ma tghidli xejn bihom qatt u l'anqas b'xi telefonati li Franka gieli ghamlet ghand ommi. Fil-fatt dan kien l-ahhar kuntatt illi kelli ma' Franka u minn dak in-nhar sal-gurnata tal-lum qatt ma kellna l'ebda forma ta' kuntatt iehor u m'ghandi l'ebda idea x'sar minnha;*

*Illi, izzewwigna fi 22 ta' Ottubru 1977 fil-Knisja ta' Fatima, Guardamangia u morna honeymoon Londra. Ghall-ewwel xhur ta' zwieg konna nhossuna liberi hafna. Inqtajna mill-familji taghna u konna ghadna nahdmu t-tnejn li ahna u niltqghu d-dar fil-ghaxija;*

*Illi, ghall-bidu kont ghadni nahdem il-Medserv u kont insiefer ta' spiss. Izda izjed tard kont spiccajt nahdem mal-Medserv ghaliex kien hadha l-gvern u ma stajt nahdem taht il-kondizzjonijiet il-godda u mort nahdem mal-kumapnija taz-zejt Amerikana SEDCO. Wara zmien qasir Dallas, Spanja u l'Olanda, gejt ibbazat in-Nigerja. Izda dan kien sa jikkreja probelmi kbar bejni u bejn Tessa ghaliex l-kuntratt li kelli kien ta' "single status" u kien ikolli nhalli l-familja warajja. Kien ghalhekk illi ddecidejna li nirrezenja u nerga nibda nahdem Malta;*

*Illi kien f'dan il-perjodu tal-bidu tal-hajja mizzewga taghna li jien kont involut f'dik ir-relazzjoni mat-tfajla Olandiza (Franka), kif spjegajt ftit aktar il-fuq. Sa dan it-tant, fl-20*

*ta' Frar 1979 twieldilna l-ewwel tifel, Steve u jien kont ferhan sa'ntir u r-relazzjoni ta' bejnietna ghaddiet minn perjodu tajjeb. Tessa kienet omm dedicata ghal Steve hafna;*

*Illi, ftit tax-xhur wara bdejt nahdem bhala Financial Controller ma' Medavia (kumpanja Libjana li tghati servizzi ta' trassport bl'arju). Izda dan kien il-bidu tal-inkwiet kbir ta' bejnietna ghaliex wara ftit xhur nahdem hemm, waqajt f'relazzjoni sesswali mas-segretarja (Marisa) li kelli. Marisa kellha xi 21/22 sena u fl-ufficju konna bazikament wahidna ghaliex iz-zewg barranin l'ohra kienu jkunu kwazi dejjem l-airport f'Hal Luqa jew imsifrin. Taht dawn ic-cirkostanzi r-relazzjoni ta' bejnietna kienet facli li tikber u kienet relazzjoni ta' passjoni sesswali profonda. F'okkazjoni minnhom jiena u s-segretarja anke sifirna flimkien. Din ir-relazzjoni b'qajna sejrin biha anke wara li Marisa izzewget;*

*Illi, hawnhekk zdidu l-gideb, l-iskuzi u t-tensjoni ghaliex issa kien hemm anke r-ragel taghha;*

*Illi, m'hemmx bzonn nispjega illi kien perjodu ikrah hafna u ta' tensjoni kontinwa. Kien zmien meta hajti kienet maqsuma u kont qieghed nghix gidba shiha ikkontrollat mill-passjoni sesswali li lahqet livell u forma ta' "addicition";*

*Illi, taht dawn ic-cirkostanzi hija ovvja li r-relazzjoni ta' bejni u bejn Tessa ma kinitx wahda normali ta' bejn ragel u mara mizzewgin. Darba minnhom Tessa kienet marret gimgha holiday Sqallija ma tliet nisa hbieb taghna u kienet stqarritli li fil-fatt kellha relazzjoni sesswali ma taljan li ltaqet mieghu hemm. Izda fic-cirkostanzi li kont fihom jien kont accettajt dan il-fatt ghax kont naf li Tessa kienet taf, jew thoss li jien kelli xi relazzjoni. Fil-fatt Tessa kienet ilha tissuspetta b'din ir-relazzjoni u fl'ahhar infaqet il-buzzieqa u hareg kollox fil-miftuh. Sintendi kien inqala inkwiet kbir hafna. Izda Tessa ddecidiet li nibqaw flimkien. Hawnhekk kont tlaqt mill-Medserv u bdejt nahdem ma' kumpanja kbira ta' awdituri. Izda kont fuq qalbi hafna fix-xoghol il-gdid u ma kelli motivazzjoni ta' xejn. Din kienet l-*

*ahhar haga li kelli bzonn, fil-fatt illi r-relazzjoni ta' bejni u bejn Tessa kienet hazina hafna u jien kont inhossni denbi taht il-blata;*

*Illi, f'dan iz-zmien jiena u Tessa konna membri fil-gym tal-Corinthia peress li noqghodu vicin hafna u jien kont iffissat fuq il-physical fitness u Tessa kienet thobb titrejna wkoll. Kien hawnhekk illi Tessa saret habiba ma' certu Brian Camilleri li kien ikun il-gym ukoll, avolja kienet taf illi jien ma tantx kont niggustah lil dan Brian. Fil-fatt Tessa ammettit illi kellha relazzjoni sesswali qasira, izda passjonanti hafna ma' dan Brian. Taht ic-cirkostanzi li kont fihom, jien hassejtni li ma stajt naghmel xejn. Izda nammetti li kont ghirt hafna u kont inhossni nobghodu bil-kbir, kelli u ma kellix dritt;*

*Illi, hawnhekk ix-xitan gabha li dan Brian issa beda relazzjoni ma' oht Tessa z-zghira. F'dan l-istadju din kienet issa izzewget u kellha tifla. Pero' kienet tammetti li kienet izzewget biss biex tkun tista' titlaq mid-dar t'ommha u mhux ghax kienet vera thobb lir-ragel taghha. Ir-relazzjoni ta' bejn Brian u oht Tessa kompliet tikber u tikkomplika ruhha. Fl-ahhar ohtha kienet telqet ir-ragel li kellha u fi zmien ta' ftit xhur qabet l-annullament mill-knisja u zzewget lil dan Brian. Ir-rabja u l-mibeghda tieghi lejn Brian kompliet dejjem tikber u fil-fatt la morna t-tieg t'oht Tessa u Brian u kont ghamiltha cara ma' Tessa li ma naccetta qatt li jkollha l'ebda forma ta' kuntatt ma' dan Brian irrisspettivament mill-fatt illi issa kien ir-ragel t'otha;*

*Illi, hawnhekk bdew il-piki jihhraxu ghaliex omm Tessa u l-familjari taghha kienu izommhu ma' Brian u jimlewha kontra tieghi, ghax kienu jghidu li fuq kollox dan kien ir-rizultat tar-relazzjoni li kelli jien mas-segretarja tieghi snin qabel. Tessa zammet ir-relazzjoni ma' ohtha, pero' kienet tevita l-Brian. Pero' kienet taf li kellha xewka f'ideja u kienet tiehu gost theddidni u tnisggisni bija. Ghalija l'affari lehqet livell ta' ossessjoni. Darba konna msiffrin it-tnejn f'salt u meta gejt lura sibt illi biex tisfidani Tessa kienet halliet it-tifel taghna Steve xi granet ghand ohtha u Brian. U hawn iddecidejt illi daqshekk. Mort id-dar ta' Brian u kellna glieda kbira, illi dahlu l-Puluzija u kelli naghmillu*

*anke garanzijja l-Qorti li ma nipprova nkellmu jew navvicinah bl-ebda mod fil-futur;*

*Illi, hawnhekk Tessa donna accettat dan il-fatt u l-affarijiet ikkalmaw ftit. Infatti r-relazzjoni taghna marret ghall-ahjar u konna issetiljajna;*

*Illi, sa dan it-tant, f'28 ta' Marzu 1985 twieldilna t-tieni tifel, Dirk u jiena kont issa fraht u r-relazzjoni ta' bejnietna ghaddiet minn perjodu tajjeb. Infatti kollna anke issa bdejna nitkellmu ma' missier Tessa u fil-fatt poggejnieh parrinu fil-maghmudija ta' Dirk. Jiena kont mignun fuq it-tfal u issa kont nghix ghalihom. Izda domna hekk biss xi sena u ftit xhur ghax il-problema li Brian ma jkun qatt parti minn hajjitnha regghet tfaccat. Izda jien ma stajt naccettha qatt ghax il-mibedha kienet ghada hemm u kont naghmila cara hafna ma' Tessa li jew jien jew Brian, ragel u mhux ragel ta' ohtha. Il-familjari ta' Tessa kienu dejjem jindahlu u jghawru fis-sitwazzjoni. Hawnhekk hajjitna issa kienet infern u jiena kont inhossni disprat ghaliex propju meta kont issetiljat u nhossni rrid nghix ghal familja, kellna din il-qasma u kienet cara li Tessa ma kienet sa iccedi qatt, ghaliex fil-fatt qatt ma hafritli u din kienet l-aqwa arma biex tweggani biha;*

*Illi, Tessa telqet mid-dar f'Awwissu 1987, hadet maghha biss lit-tifel iz-zghir Dirk, u immedjatment fethet kawza ghas-separazzjoi fil-Qorti Civili. Wara tliet snin u nofs ta' glied u tenzjoni kbira u ta' litigazzjoni legali tahraq bi spejjez legali kbar, irrejalizzajna li konna ghadna ma wasalna imkien;*

*Illi, ghalhekk fl-ahhar cedejna u ffermajna Separazzjoni Bonarja fit-12 ta' April 1991, fejn gie stabbilit illi l-kura u l-kustodja tat-tifel il-kbir Steve giet fdata f'idejja u dik tat-tifel iz-zghir Dirk f'idejn Tessa. Gie stabbilijt ukoll li jiena ma kelli l'ebda obligazzjoni ta' hlas ta' manteniment lil Tessa u li kull parti tkun obligata tmantni lit-tifel li tieghu ghandha l-kura u l-kustodja;*

*Illi, infatt fis-sittax-il sena li ilna separati u sal-gurnata tal-llum, ma baqghet tezistit l'ebda forma ta' relazzjoni bejni u*

*bejn Tessa u la nitkellmu u l'anqas biss inselmu, jew nirrikonoxxu lil xulxin, meta gieli ltqajna x'imkien b'koincidenza. Tkellimna bejnietna biss, jew fil-presenza ta' l'avukati taghna, jew ftit li xejn bit-telefone meta vera kien hemm bzonn niddiskutu xi haga fl'interess tat-tfal. Ilum li tfal kibru u saru rgiel, anke din it-tip ta' komunikazzjoni prattikament spiccat ghaliex ma ghadtx hemm bzonnha;*

*Illi bejni u bejn il-familja ta' Tessa, u bejn Tessa u l-familja tieghi, ghada tezisti animozita' kbira sal-gurnata prezenti tal-lum;*

*Illi, wara sitt snin nghix wahdi bhala "single parent", fl-1993 jien iltqajt ma' Claudia Heitmann (imwielda fis-6 ta' Marzu 1965) Germaniza li kienet giet tahdem Malta. Ir-relazzjoni ta' bejnietna zviluppat b'mod li fil-bidu ta' 1994, taht ic-cirkostanzi li qieghed fihom jien, iddecidejna li nibdew nghixu bhala familja flimkien b'wedgha bejnietna bhala mizzewgin, inkluzi wkoll it-tifel il-kbir tieghi Steve u t-tifel l'iehor Dirk, meta dan jigi ghandi;*

*Illi, minn din l-ghaqda kellna tifel Tim, li twieled fl-14 ta' Gunju 1997. Hutu Steve u Dirk huma kompletament mgienen warajh u jhobbuh u jfissduh kif nghidu, daqs dawl ghajnejhom;*

*Illi, ahna l'erbgha ghadna nghixu bhala familja sal-gurnata presenti tal-llum din ir-relazzjoni nqiesa bhala l-vera zwieg tieghi u wara kwasi ghaxar snin flimkien, ghadna ninhabbu u ghadt ghandna rabta b'sahhita hafna bejnietna, nghixu bhala familja maqghuda u ghall'ewwel darba f'hajti f'relazzjoni sibt il-paci. Lanqas biss tghaddi minn rasi li jista' qatt ikolli xi relazzjonijiet sesswali ohra minn wara dahar Claudia u ghall-ewwel darba nhossni fhimt x'inhi t-tip ta' mhabba vera li fuqha jinbena z-zwieg. It-tifel il-kbir Steve issa gradwa (BSc Computer and Finance) u ghadu jghix fid-dar maghna;*

*Illi, hija propju ghal din ir-raguni li nhosni ghandi niggieled ghal dan l'annullament, kemm ghall-paci tieghi u ta' Claudia u hafna izjed ghall-gid u l-futur tat-tliet uliedi.*

**ii Principjі Legali**

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di*

*giudizio)”* (***Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** *(Torino, 1994), p. 97.*

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li:-

*“e necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il-consenso, quanto per gli impegni per il futuro.  Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso.  Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario.  Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita’ intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra’ ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. “……..se il soggetto non e’ in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira’ che la scelta di lui non e stata libera;  In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe’ col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa’ coniugale, sia nei rigwardi dell’ altra parte sia nei rigwardi della parole”* ***(Pompedda, MF.,*** **“Incapacita’ di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento”** *(Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li *“The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love.   This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (**Viladrich, P.J.,** ***“Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated”*** **(Montreal, 1993), p. 686).**

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmel dan il-pass taz-zwieg u fil-fatt huwa izzewweg lill-konvenuta biss ghal zewg ragunijiet, l-ewwel wahda l-gibda fizika u sesswali li huwa kellu lejha, u it-tieni peress li sostna li huwa bhal speci thassar lill-konvenuta ghaliex kienet gejja minn familja li kellha diversi problemi anke separazzjoni tal-genituri taghha.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li l-attur kien bniedem li ma setghax jikkontrolla l-gibda sesswali tieghu mhux biss lejn il-konvenuta izda anke ma' terzi persuni tas-sess oppost, tant li fil-fatt jidher li matul iz-zwieg tieghu kellu relazjonijiet ma' persuni ohra tas-sess oppost, anke meta kien ghadu jghix ma' martu, u fil-fatt dan jammettihom fid-dettal fix-xhieda tieghu.

Illi jirrizulta ukoll mill-istess xhieda li ghalkemm huwa kellu dawn ir-relazzjonijiet extra kunjugali, xorta wahda jammetti li kien geluz ghal-martu u jidher car li l-ideja tal-attur kienet li dak li japplikka ghalih ma jghoddx ukoll ghall martu, anzi jidher li huwa ried li martu tkun ghalih, meta huwa kien lest u dispost li jkollu refugju anke ma' mara ohra; certament li f'dan il-kuntest l-attur jidher li fil-mument taz-zwieg huwa kien ikkontrollat kwazi esklussivament mill-gibdiet fizici tieghu, u dawn ma kinux ristretti biss ghall-martu, izda fuq kollox jidher li f'dak il-perjodu qatt ma fehem li unjoni ta' zwieg tfisser li fit-tajjeb u fil-hazin kellu jaghti lilhu nnifsu esklussivament ghall-martu, kuncett li jiddetta kontroll shih u serju fuq kull relazzjoni ohra; mill-provi prodotti ma jidhirx li l-attur kien b'xi mod konxju ta' dan il-kuncett, u fid-dawl tal-premess, din il-Qorti thoss li abbazi tal-provi prodotti t-talba attrici ghandha tigi milqugha minhabba li l-attur kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, *stante* li r-relazzjoni tal-attur mal-konvenuta lanqas jidher li kienet biss il-priorita' ta' hajtu, lanqas meta ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg mal-istess konvenuta.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur *stante* li l-kunsens tieghu kien ivvzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi  fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 t'Ottubru 1977 huwa null u bla effett legali, u dan abbazi tal- **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta** minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur kif premess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------